

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Kwistjonijiet Tal-familja U Wirt](#) > [Manteniment Tal-familja](#) > [Netherlands](#)

## Manteniment tal-familja

 Olanda

Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network  
(in civil and commercial matters)

### 1 X'ifissru l-kunċetti "manteniment" u "obbligu ta' manteniment" f'termini prattiċi? Liema persuni għandhom iħallsu allowance għall-manteniment lil persuna oħra?

L-obbligu tal-ħlas tal-manteniment jinħoloq mill-parentela mid-demem u l-parentela bi żwieġ, minn rabta matrimonjali (preċedenti) jew minn relazzjoni bejn ġenitur u wild. Il-manteniment huwa l-obbligu tal-kontribuzzjoni għall-ispejjeż tal-għajxien tar-riċevitur (il-“kreditur tal-manteniment”) minkejja li ma jkunux jgħixu flimkien.

L-obbligu ta' manteniment li jeżisti bejn il-konjuġi fiż-żwieġ ikompli wara x-xoljiment taż-żwieġ. Il-qorti tista', fis-sentenza ta' divorzju jew f'sentenza aktar il-quddiem, tordna illi wieħed mill-eks konjuġi jħallas il-manteniment lill-eks konjuġi l-ieħor li ma jkollux biżżejjed introjtu biex isostni lill-eks konjuġi (u ma jkunx jista', sa fejn ikun raġonevolment mistenni, jikseb dawn il-mezzi) fuq talba ta' dan tal-aħħar. Meta jstabbilixxi l-ammont tal-manteniment, l-imħallef iqis il-bżonnijiet tal-kreditur tal-manteniment u l-mezzi (ir-riżorsi finanzjarji) tal-eks konjuġi l-ieħor. Fatturi mhux finanzjarji, bħal kemm dam iż-żwieġ jew l-età tal-persuna intitolata għall-manteniment, jistgħu jkollhom rwol ukoll. Il-perjodu massimu tal-manteniment huwa ta' 5 snin. Jekk iż-żwieġ jew is-sħubija reġistrata tkun damet inqas minn 10 snin, l-obbligu tal-manteniment jintemm wara nofs kemm dam iż-żwieġ jew is-sħubija.

Hemm tliet eċċezzjonijiet:

- Jekk il-konjuġi jkollhom l-ulied flimkien, il-manteniment għall-(eks) konjuġi ma jieqafx sakemm l-iżgħar wild ma jkunx għalaq 12-il sena.
- Jekk iż-żwieġ ikun dam mill-inqas 15-il sena u l-kreditur tal-manteniment jirċievi pensjoni tal-irtirar fi żmien 10 snin, il-manteniment jieqaf meta tibda l-pensjoni.
- Jekk il-kreditur tal-manteniment ikun twieled fl-1 ta' Jannar 1970 jew qabel, iż-żwieġ jew is-sħubija reġistrata tkun damet għal aktar minn 15-il sena, u l-kreditur tal-manteniment ikun għad baqagħlu aktar minn 10 snin qabel ma jieħu l-pensjoni, il-perjodu tal-manteniment huwa ta' 10 snin.

Fuq talba tal-kreditur tal-manteniment, il-qorti tista' tistabbilixxi terminu jekk, fid-dawl ta' ċirkostanzi kollha tal-każ, l-applikazzjoni ta' dawn it-termini statutorji tmur kontra l-prinċipji tar-raġonevolezza u l-ġustizzja. Talba bħal din tista' tiġi ppreżentata fi żmien 3 xhur minn meta jintemm l-obbligu.

L-eks konjuġi jistgħu jaslu għal ftehim bonarju bejniethom rigward il-manteniment. Dan normalment jiġi stabbilit fi ftehim (ta' divorzju). Fil-prattika, dan il-ftehim jiġi rratifikat mill-qorti meta jseħħ id-divorzju jew fit-tmiem tas-sħubija reġistrata. Din ir-ratifika tipprovdni ċertezza legali akbar għal min jirċeviha, peress li l-ftehimiet jistgħu jiġu eżegwiti minn uffiċjal ġudizzjarju jew, f'ċerti każijiet, mil-LBIO (l-Aġenzija Nazzjonali għall-Ġbir tal-Kontribuzzjonijiet ta' Manteniment).

Dan japplika wkoll fir-rigward tal-manteniment bejn l-eks sħab reġistrati.

L-obbligi ta' manteniment tal-ġenituri u tal-ġenituri tar-rispett

Il-ġenituri jridu jipprovdu għall-ispejjeż tat-tħaris u tat-trobbija tal-ulied minuri, skont il-mezzi tagħhom. Matul iż-żwieġ jew is-sħubija reġistrata, il-ġenituri tar-rispett huma wkoll obbligati jmantnu lill-ulied minuri tal-konjuġi jew tas-sieħeb ċivili tagħhom li jagħmlu parti mill-familja tagħhom. Il-ġenituri u l-ġenituri tar-rispett huma obbligati wkoll ikopru l-ispejjeż tal-għajxien u tal-istudji tat-tfal jew tfal (tar-rispett) tagħhom ta' bejn it-18 u l-21 sena. Wara li wliedhom jagħlqu l-21 sena, il-ġenituri huma meħtieġa jħallsu biss il-manteniment jekk uliedhom ikunu fil-bżonn.

L-obbligi ta' manteniment tal-missirijiet bijoloġiċi/tas-sieħeb tal-omm

Hemm ukoll obbligu min-naħa tal-missier bijoloġiku ta' wild li jiprovdi l-manteniment lil kwalunkwe wild tiegħu (iżda mhux rikonoxxut minnu), sakemm il-wild ikollu biss omm u ma jkunx f'relazżjoni familjali legali ma' ġenitur ieħor (fi kliem ieħor, meta ma jkun hemm ebda ġenitur legali ieħor). L-istess obbligu japplika għas-sieħeb ta' omm li tkun tat il-kunsens tagħha għal att li seta' wassal għat-tnissil tal-wild.

L-obbligi ta' manteniment ta' dawk li mhumiex ġenituri b'kustodja konġunta

Kwalunkwe persuna li ma tkunx ġenitur li jkollha l-kustodja ta' wild minuri flimkien mal-ġenitur proprju ta' dak il-wild għandha obbligu ta' manteniment lejn dak il-wild minuri (l-Artikolu 1:253w tal-Kodiċi Ċivili). L-obbligu ta' manteniment ikompli sakemm il-wild minuri jagħlaq il-21 sena meta tispiċċa l-kustodja konġunta minħabba li l-minuri jkun laħaq l-età maġġuri.

Meta jridu jitħallsu l-ispejjeż għall-għajxien?

L-obbligu tal-ġenituri (tar-rispett) lejn l-ulied minuri u l-ulied adulti żgħażaġħ (tar-rispett) tagħhom (u l-obbligi ta' manteniment ekwivalenti għal dak ta' ġenitur) jeżisti irrispettivament mill-bżonn. Fir-relażżjonijiet l-oħrajn kollha, hemm biss dritt għall-manteniment għall-persuni fil-bżonn.

Il-persuni jitqiesu li jkunu fil-bżonn jekk ma jkollhomx introjtu suffiċjenti biex imantnu lilhom infushom u ma jkunux jistgħu, sa fejn huwa raġonevolment mistenni, jakkwistawh għalihom infushom. L-obbligu tal-ġenituri (tar-rispett) lejn l-ulied minuri u l-ulied adulti żgħażaġħ (tar-rispett) tagħhom (sal-età ta' 21 sena) jeżisti irrispettivament mill-bżonn. Il-ħtieġa tal-manteniment hija stabbilita wkoll għat-tfal sal-età ta' 21 sena.

Kif jiġi ddeterminat l-ammont tal-manteniment?

Il-kriterji statutorji biex jiġi ddeterminat l-ammont li għandu jitħallas bħala manteniment huwa l-bżonn tal-kreditur u l-kapaċità ta' ħlas tad-debitur tal-kreditur.

## **2 Sa liema età jista' tifel jibbenefika minn allowance għall-manteniment? Hemm regoli differenti għall-manteniment għall-minorenni u għall-adulti?**

Il-ġenituri jridu jħallsu l-ispejjeż tat-tħaris u tat-trobbija tal-ulied taħt it-18-il sena (ulied minuri). Dawn jirrigwardaw l-ispejjeż tal-għajxien u spejjeż oħra involuti fit-trobbija tat-tfal, bħall-edukazzjoni u l-attivitajiet ta' rikreazzjoni. Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jħallsu l-ispejjeż tat-tħaris u tat-trobbija skont il-mezzi tagħhom. Dan l-obbligu japplika anke jekk il-wild minuri jkollu l-mezzi u/jew l-introjtu tiegħu stess.

Fil-każ ta' tfal ta' 18, 19 u 20 sena ("adulti żgħażaġħ"), il-ġenituri huma responsabbli għall-ħlas tal-ispejjeż tal-għajxien u tal-edukazzjoni. L-ispejjeż tal-għajxien u tal-edukazzjoni huma l-istess bħall-ispejjeż tat-tħaris u tat-trobbija waqt it-tfulija. Dan l-obbligu japplika anke jekk l-ulied ikollhom il-mezzi u/jew l-introjtu tagħhom stess. Kwalunkwe introjtu strutturali tal-ulied, madankollu, jiddetermina l-firxa tal-bżonn tagħhom għal allowance għall-manteniment.

Fil-każ ta' wlied minn 21 sena 'l fuq, il-ġenituri għandhom obbligu ta' manteniment lejhom biss jekk ikunu fil-bżonn u ma jkunux jistgħu jieħdu ħsieb tagħhom infushom, pereżempju, f'każ ta' diżabilità fiżika jew mentali.

### 3 Għandi napplika għand awtorita kompetenti jew qorti biex nikseb manteniment? X'inhuma l-elementi ewlenin ta' din il-proċedura?

L-ammont illi jrid iħallas id-debitur tal-manteniment jista' jiġi stabbilit kemm mill-partijiet infushom u mniżżel fi ftehim jew inkella jiġi ddeterminat mill-qorti f'deċiżjoni tal-qorti.

Fil-kuntest ta' proċedimenti ta' divorzju, il-qorti ta' spiss tiġi mitluba tiddeċiedi dwar il-manteniment għal eks konjuġi jew għall-ulied minuri.

### 4 Tista ssir talba f'isem qarib (jekk iva, liema grad), jew minorenni?

Ir-rikors irid jiġi ppreżentat mill-avukat tal-kreditur tal-manteniment. Rikors ma jistax jiġi ppreżentat mingħajr avukat. L-ulied minuri jiġu rrappreżentati fil-qorti mir-rappreżentant legali tagħhom (normalment ġenitur).

### 5 Jekk qed naħseb biex inressaq il-każ quddiem il-qorti, kif inkun naf liema qorti għandha l-ġuriżdizzjoni?

Il-ġuriżdizzjoni nazzjonali

Fir-rigward tal-ġuriżdizzjoni nazzjonali tal-qorti Netherlandiżi, fil-kawżi tal-manteniment hija l-qorti li għandha l-kompetenza fil-prim'istanza: il-qorti tal-post ta' residenza tar-rikorrent (wieħed mir-rikorrenti) jew ta' waħda mill-partijiet imsemmija fir-rikors jew, fin-nuqqas ta' post ta' residenza ta' xi ħadd minn dawn il-partijiet, il-qorti tal-post tar-residenza *de facto* ta' xi ħadd minnhom. Appell jista' jiġi ppreżentat quddiem qorti tal-appell fil-ġuriżdizzjoni tal-qorti inkwistjoni.

Il-ġuriżdizzjoni internazzjonali fl-Unjoni Ewropea

Mit-18 ta' Ġunju 2011, daħal fis-seħħ ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 4/2009 tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar il-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonossiment u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet u l-kooperazzjoni f'materji relatati ma' obbligi ta' manteniment fir-rigward tal-obbligi ta' manteniment fl-Unjoni Ewropea. Ir-Regolament jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet dwar il-ġuriżdizzjoni tal-qorti.

Il-qofol tar-Regolament dwar il-manteniment jinstab fl-Artikolu 3 tiegħu, li fih erba' raġunijiet possibbli għall-ġuriżdizzjoni tal-qorti li ġejjin:

- il-qorti tal-post fejn id-debitur tal-manteniment ikollu r-residenza abitwali tiegħu, jew
- il-qorti tal-post fejn il-kreditur ikollu r-residenza abitwali tiegħu, jew
- bħala setgħa aċċessorja: il-qorti li għandha l-ġuriżdizzjoni f'dak li jirrigwarda l-istatus ta' persuna (eż. id-dixxendenza, ix-xoljiment taż-żwieġ); jew
- bħala setgħa aċċessorja wkoll: il-qorti li għandha ġuriżdizzjoni f'dak li jirrigwarda s-setgħa tal-ġenituri.

Il-partijiet jistgħu jaqblu bejniethom ukoll li jagħżlu ġuriżdizzjoni fuq il-bażi ta' ċerti fatturi rilevanti. Għall-applikazzjoni tar-Regolament dwar il-Manteniment mhemmx bżonn illi l-post tar-residenza abitwali tal-intimat ikun fit-territorju ta' Stat Membru. In-nazzjonalità tal-partijiet hija irrilevanti wkoll.

Peress li r-regoli dwar il-ġuriżdizzjoni fir-Regolament m'għadhomx limitati għall-każijiet fejn l-intimat ikun domiċiljat fl-UE, dejjem japplikaw fin-Netherlands.

Il-ġuriżdizzjoni internazzjonali barra l-Unjoni Ewropea

Fir-rigward tal-ġuriżdizzjoni internazzjonali tal-qorti Netherlandiżi barra l-Unjoni Ewropea, japplika dan li ġej. Jekk l-intimat ikun jgħix barra l-Unjoni Ewropea, il-qorti Netherlandiża jkollha ġuriżdizzjoni skont il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili. Il-qorti Netherlandiża tad-divorzju mbagħad hija awtorizzata li tagħmel arranġamenti provviżorji fir-rigward tad-divorzju jew dispożizzjonijiet anċillari bħal allowance tal-manteniment jew l-okkupazzjoni kontinwa tad-dar matrimonjali. Il-qorti Netherlandiża għandha wkoll il-kompetenza li tiddeċiedi dwar rikors indipendenti għall-manteniment jekk:

- ir-rikorrent jew parti interessata jew diversi partijiet interessati msemmija fir-rikors ikunu jgħixu fin-

Netherlands;

- il-kawża tkun konnessa b'mod ieħor b'mod suffiċjenti mal-isfera legali tan-Netherlands;
- il-partijiet ikunu għażlu l-qrati Netherlandiżi, jew
- il-parti interessata tidher il-qorti u ma tqajjimx eċċezzjoni ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni.

## 6 Bħala applikant, neħtieġ intermedjarju biex inressaq il-każ quddiem il-qorti (pereżempju avukat, awtorità ċentrali jew lokali, eċċ.)? Jekk le, liema proċeduri japplikaw?

Rikors biex jiġi stabbilit, jinbidel jew jiġi tterminat il-manteniment irid jiġi ppreżentat minn avukat. L-avukat jirrappreżenta lir-rikorrent waqt is-seduta. L-ismijiet u l-indirizzi tal-avukati tista' tinstab fuq is-sit web "[Sib avukat - Il-Kamra tal-Avukati tan-Netherlands](#)".

Hemm ukoll l-"[Assoċjazzjoni tal-Avukati tal-Familja u tal-Medjaturi fid-Divorzju](#)", li l-membri tagħha huma speċjalizzati fid-divorzju u l-manteniment, fost affarijiet oħra. Huma speċjalizzati wkoll fil-medjazzjoni u dak kollu li tinvolti.

## 7 Irrid inħallas xi miżati biex inressaq il-każ quddiem il-qorti? Jekk iva, kemm jistgħu jitilgħu? Jekk ma jkollix biżżejjed mezzi finanzjarji, nista' ningħata għajjnuna legali li tkopri l-ispejjeż tal-proċedura?

Trid titħallas kontribuzzjoni għall-ispejjeż tal-qorti għall-proċedimenti fil-qorti. Din hija t-tariffa tal-qorti. Barra minn hekk, ikunu jridu jitħallsu wkoll l-onorari tal-avukat u tal-uffiċjal ġudizzjarju.

Jekk parti fil-kawża ma tkunx tista' tħallas l-ispejjeż (kollha) tal-avukat, hija tista', taħt ċerti ċirkostanzi, tikkwalifika għall-għajjnuna legali. Dan huwa magħruf bħala "każ ta' għajjnuna legali". Il-gvern inħallas parti mill-ispejjeż; il-parti fil-kawża tħallas "kontribuzzjoni personali". Kemm tkun din il-"kontribuzzjoni personali" jiddependi mill-introjtu u l-mezzi finanzjarji tal-parti fil-kawża. Huwa l-[Bord tal-Għajjnuna Legali](#) li jipprovdi l-għajjnuna legali. L-avukat irid japplika għall-għajjnuna legali mal-Bord tal-Għajjnuna Legali.

Jekk l-għajjnuna legali tingħata, it-tariffa tal-qorti wkoll titnaqqas fil-kawża dwar il-manteniment.

Id-dritt għall-għajjnuna legali japplika wkoll f'każ ta' tilwim transfruntier, jiġifieri jekk ir-rikorrent jgħix barra min-Netherlands. Dan huwa rregolat fid-[Direttiva tal-UE biex ittejjeb l-aċċess għal ġustizzja f'tilwimiet bejn il-konfini](#). L-għajjnuna legali tista' tintalab, billi jiġu invokati l-Artikoli 23A sa 23K tal-Att dwar l-Għajjnuna Legali (*Wet op de rechtsbijstand*), permezz tal-Bord tal-Għajjnuna Legali f'The Hague, bl-użu tal-formola standard li takkumpanja lil din id-Direttiva, li hija identika fl-Istati Membri kollha.

## 8 X'tip ta' manteniment x'aktarx tagħti l-qorti? Kif jiġi kkalkulat l-ammont tal-manteniment? Id-deċiżjoni tal-qorti tista' tiġi riveduta jekk jinbidlu l-għoli tal-ħajja jew iċ-ċirkostanzi familjari? Jekk iva, kif (pereżempju permezz ta' sistema tal-indiċjar awtomatiku)?

Rikors biex jiġi ddeterminat, modifikat jew rinunzjat il-manteniment għat-tfal jew għas-sieħeb jista' jiġi ppreżentat lill-qorti. Dan ir-rikors isir minn avukat.

Fid-deċiżjoni tagħha, il-qorti tqis il-bżonnijiet u l-kapaċità (ir-riżorsi finanzjarji) tal-partijiet. Il-ġudikatura żviluppat rakkomandazzjonijiet biex tingħata applikazzjoni Prattika Uniformi għal dawn il-kunċetti (rapport dwar il-[Kriterji tal-manteniment](#) ippubblikat fuq is-sit web tal-Ġustizzja). Dawn ir-rakkomandazzjonijiet m'għandhomx is-saħħa ta' liġi, u l-qrati u l-partijiet jistgħu jiddevjaw minnhom f'każijiet individwali.

Dawn l-elementi tal-introjtu u tan-nefqa (mhux eżawrjenti) li ġejjin jistgħu jkunu sinifikanti fid-deċiżjoni tal-qorti:

- introjtu mix-xogħol (qligħ jew profitti minn impjeg indipendenti)
- għotjiet għall-istudju

- introjtu minn pensjonijiet jew benefiċċji
- ħlasijiet ta' kera
- il-potenzjal attwali biex jiżdied l-introjtu (il-kapaċità ta' qligħ)
- il-ħlasijiet lura u l-imgħax fuq selfiet ipotekarji
- spejjeż strutturali oħrajn ta' kull xahar
- primjums tal-assigurazzjoni
- obbligi finanzjarji lejn ħaddieħor
- l-ammont ta' kwalunkwe dejn u l-ħlas lura tiegħu.

Bidliet fl-ammont tal-manteniment

Ftehim jew deċiżjoni ġudizzjarja tista' tiġi emendata minn deċiżjoni sussegwenti jekk ma tibqax tissodisfa l-kriterji statutorji minħabba bidla fiċ-ċirkostanzi. Ammont ġdid tal-manteniment jista' wkoll jiġi miftiehem bejn il-partijiet.

L-indiċjar statutorju

Kull sena, il-Ministru għall-Ġustizzja jiddetermina l-perċentwal li bih għandha tiżdied kontribuzzjoni ta' manteniment determinata mill-qorti jew kontribuzzjoni ffixxata bi ftehim reċiproku. Fil-kalkolu ta' din iż-żieda fil-perċentwal, jitqiesu l-iżviluppi fil-pagi fis-settur privat u f'dak pubbliku u x-xejriet f'setturi oħrajn. Dan il-perċentwal jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern.

Hemm numru ta' eċċezzjonijiet għal dan l-aġġustament awtomatiku tal-allowances tal-manteniment. Il-partijiet jew il-qorti tista' tiddeċiedi li teskludi l-indiċjar statutorju jew tistabbilixxi metodu alternattiv għall-indiċjar.

## 9 Kif jiġi tħallas il-manteniment u lil min?

Il-manteniment għal eks konjuġi jiġi tħallas direttament lill-eks konjuġi. Il-pagamenti tal-manteniment għall-ulied minuri jiġi tħallasu direttament lill-ġenitur li jkun qed jieħu ħsiebhom. Uljed adulti żgħażaġħ jirċievu l-manteniment direttament.

## 10 Jekk il persuna kkonċernata (id-debitur) ma tħallasx volontarjament, x'azzjoni tista' tittieħed biex tkun imġiegħla tħallas?

Jekk l-obbligu ta' manteniment għat-tfal u/jew għas-sieħeb ikun determinat minn deċiżjoni tal-qorti u d-debitur tal-manteniment ikun inadempjenti, l-Uffiċċju [Nazjonalni għall-Ġbir tal-Pagamenti ta' Manteniment \(LBIO\)](#) jista' jinforza l-konformità fil-forma ta' tnaqqis mill-pagi jew il-benefiċċji tad-debitur. Il-konformità tista' tkun infurzata wkoll permezz tal-uffiċjal ġudizzjarju (tipi oħrajn ta' konfiska huma disponibbli wkoll). Fin-nuqqas ta' deċiżjoni tal-qorti, il-kawża trid titressaq quddiem il-qorti. Għandu jissejjaħ avukat biex jassisti b'dan.

## 11 Jekk jogħġbok iddeskrivi fil-qosor kwalunkwe limitazzjonijiet fl-infurzar, b'mod partikulari regoli għall-protezzjoni tad-debitur u limitazzjoni jew perjodi ta' preskrizzjoni fis-sistema tal-infurzar tiegħek

F'każ ta' sekwestru ta' parti mill-benefiċċji jew mill-paga, irid jitqies l-ammont eżentat.

Għall-kawżi li fihom ma jkunx għadu ġie ffixxat pagament b'deċiżjoni tal-qorti jew bi ftehim japplika perjodu ta' preskrizzjoni ta' 5 snin.

Fil-każ ta' pagamenti ta' manteniment li diġà ġew stabbiliti, japplika perjodu ta' preskrizzjoni ta' 5 snin għal skadenzi li jkunu għalqu iżda li ma jkunux ġew irrispettati għal manteniment miftiehem b'mod reċiproku. Fil-każ ta' manteniment stabbilit b'deċiżjoni ġudizzjarja, il-perjodu ta' preskrizzjoni għall-eżekuzzjoni tagħha huwa ta' 20 sena.

## 12 Teżisti organizzazzjoni jew awtorità li tista' tgħini nirkupra l-manteniment?

Fil-każ ta' arretrati fil-pagamenti tal-manteniment għat-tfal u/jew għas-sieħeb, [l-Uffiċċju Nazzjonali għall-Ġbir tal-Pagamenti ta' Manteniment \(LBIO\)](#) jew uffiċjal ġudizzjarju jista' jinħatar biex jinforza l-konformità.

L-LBIO jrid ikun awtorizzat jagħmel dan mill-kreditur tal-manteniment. L-LBIO jista' jiġbor il-manteniment permezz ta' rkupru furzat, jekk ikun meħtieġ. L-LBIO jista', pereżempju, jissekwestra proporzjon mill-pagi, benefiċċji jew proprjetà mobbli jew immobbli tad-debitur tal-manteniment.

L-LBIO jrid ikun awtorizzat jagħmel dan mill-kreditur tal-manteniment. Il-manteniment irid ikun ġie ddeterminat b'digriet tal-qorti. L-ammont ta' ħlas b'lura ma jridx ikun ta' aktar minn 6 xhur fiż-żmien meta jissejjaħ l-LBIO (l-LBIO jista' jirkupra ħlas b'lura ta' aktar minn 6 xhur jekk id-deċiżjoni tal-qorti tkun ħarġet fi żmien daww is-6 xhur u tkun ġiet imposta kontribuzzjoni retroattiva).

L-LBIO jista' jiġbor il-manteniment permezz ta' rkupru furzat, jekk ikun meħtieġ. Dan jista', pereżempju, jissekwestra proporzjon tal-pagi, benefiċċji jew, permezz ta' uffiċjal ġudizzjarju - proprjetà mobbli jew immobbli tad-debitur tal-manteniment.

L-użu tal-LBIO huwa bla ħlas għall-kreditur tal-manteniment. Meta tasal it-talba għall-ġbir, isir tentattiv biex il-kwistjoni tissolva permezz tal-medjazzjoni u/jew billi tingħata spjegazzjoni, qabel ma jsir il-ġbir li jinvolvi spejjeż. Dan jirnexxi fi kważi tliet kwarti tal-każijiet. Madankollu, meta l-LBIO jieħu ħsieb l-irkupru, id-debitur tal-manteniment iħallas tariffa għall-irkupru. L-LBIO jimponi tariffa għall-ġbir. Din it-tariffa hija ta' 15 % tal-ammonti dovuti kull xahar u l-arretrati tal-manteniment. Kwalunkwe spiża għall-eżekuzzjoni wkoll tiġi mħallsa mid-debitur tal-manteniment.

## 13 Jistgħu l-organizzazzjonijiet (statali jew privati) iħallsu kompletament jew parzjalment il-manteniment f'isem id-debitur?

L-LBIO jew l-uffiċjal ġudizzjarju ma jistgħux iħallsu l-manteniment bil-quddiem.

## 14 Jekk ninsab f'dan l-Istat Membru u d-debitur għandu r-residenza tiegħu f'pajjiż ieħor:

### 14.1 Nista' nikseb assistenza ta' awtorità jew organizzazzjoni privata f'dan l-Istat Membru?

L-LBIO għandu wkoll kompiti fil-qasam tal-ġbir internazzjonali tal-manteniment. Dawn il-kompiti ġejjin minn regolamenti u konvenzjonijiet li n-Netherlands huma parti għalihom.

In-Netherlands huma parti għall-[Konvenzjoni tal-NU dwar l-irkupru internazzjonali tal-manteniment, New York, 20 ta' Ġunju 1956](#) (il-Konvenzjoni ta' New York). Din hija konvenzjoni dwar l-assistenza legali reċiproka, bl-għan illi jiġi ffaċilitat il-ġbir tal-manteniment f'kawżi internazzjonali. Fil-pajjiżi li ngħaqdu fil-Konvenzjoni ta' New York, hemm istituzzjoni waħda jew aktar fdati bl-implimentazzjoni tagħha. Fin-Netherlands, din l-istituzzjoni hija l-LBIO.

Mill-1 ta' Awwissu 2014, daħlet fis-seħħ il-Konvenzjoni ta' The Hague tat-23 ta' Novembru 2007 dwar l-irkupru internazzjonali tal-manteniment għat-tfal u forom oħra ta' manteniment tal-familja bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (parzjalment għad-Danimarka) u Stati kontraenti oħra. Il-Konvenzjoni ta' The Hague ħadet post il-Konvenzjoni ta' New York bejn il-partijiet kontraenti sa fejn jikkoinċidu l-kampijiet ta' applikazzjoni taż-żewġ Konvenzjonijiet. F'dak li jirrigwarda r-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri tal-UE, jieħu preċedenza r-Regolament dwar il-Manteniment (ir-Regolament (KE) Nru 4/2009).

L-attivitajiet li jwettaq l-LBIO u l-istituzzjonijiet barranin infushom bħala awtoritajiet ċentrali, fil-prinċipju, huma bla ħlas. L-awtorità ċentrali tħallas l-ispejjeż tagħha relatati mal-applikazzjoni tar-Regolament u tal-Konvenzjoni. L-awtorità ċentrali ma tistax titlob ħlas lil xi applikant minbarra għal spejjeż separati li jirriżultaw minn talba għal miżuri speċifiċi.

## 14.2 Jekk iva, kif nista' nikkuntattja lill-awtorità jew l-organizzazzjoni privata?

Jekk inti tgħix fin-Netherlands, jekk jogħġbok ikkuntattja lil-LBIO:

L-Uffiċċju Nazzjonali għall-Ġbir tal-Pagamenti ta' Manteniment (LBIO)

Postbus 8901  
3009 AX Rotterdam

Sabiex wieħed jitlob is-servizzi tal-LBIO, trid tintbagħat il-formola ta' applikazzjoni. Din il-formola tista' titniżżel mis-sit "[Allowance ta' manteniment internazzjonali](#)".

## 15 Jekk ninsab f'pajjiż ieħor u d-debitur jinsab f'dan l-Istat Membru:

### 15.1 Nista' nibgħat talba direttament lil tali awtorità jew organizzazzjoni privata f'dan l-Istat Membru?

L-LBIO jiġbor ukoll manteniment fuq talba tal-kredituri tal-manteniment li jgħixu barra l-pajjiż mingħand debituri tal-manteniment li jgħixu ġewwa n-Netherlands. Il-kredituri tal-manteniment li jinsabu fi Stat Membru ieħor u li jixtiequ jitolbu l-manteniment mingħand debitur tal-manteniment li jgħix ġewwa n-Netherlands jistgħu jinvokaw is-sistema stabbilita mill-Konvenzjoni. Imbagħad iridu jmorru għand l-istituzzjoni mittenti f'pajjiżhom stess, li mbagħad tikkuntattja lill-istituzzjoni riċeventi fin-Netherlands (l-LBIO). L-istituzzjoni riċeventi mbagħad tiegħu l-passi neċessarji biex tikseb il-manteniment.

### 15.2 Jekk iva, kif nista' nikkuntattja lil dik l-awtorità jew organizzazzjoni privata u x'tip ta' assistenza nista' nikseb?

Għad-dettalji ta' kuntatt, ara t-tweġiba għall-mistoqsija 14.2.

## 16 Dan l-Istat Membru huwa marbut bil-Protokoll tal-Aja tal-2007?

Iva.

### 17 Jekk dan l-Istat Membru mhuwiex marbut bil-Protokoll tal-Aja tal-2007, liema liġi tkun applikabbli għat-talba għal manteniment skont ir-regoli tal-liġi internazzjonali privata tiegħu? X'inhuma r-regoli tal-liġi internazzjonali privata korrispondenti?

Mhux rilevanti.

### 18 X'inhuma r-regoli fuq l-aċċess għall-ġustizzja f'każijiet transfruntiera fl-UE li jsegwu l-istruttura tal-Kapitolu V tar-Regolament dwar il-Manteniment?

Dan li ġej huwa importanti għall-elaborazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar l-aċċess effettiv u l-għajnuna legali bla ħlas taħt ir-Regolament dwar il-Manteniment (u l-Konvenzjoni dwar il-Manteniment) fil-liġi Netherlandiża.

L-LBIO kien diġà jaġixxi bħala l-awtorità riċeventi u mittenti qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament u l-Konvenzjoni fi proċedimenti taħt il-Konvenzjoni ta' New York u, bħala l-awtorità riċeventi, iwettaq proċeduri għall-benefiċċju ta' applikanti barranin. Skont l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ta' New York, l-LBIO, bħala l-istituzzjoni riċeventi, jieħu l-miżuri kollha xierqa biex jassigura l-irkupru f'isem il-kreditur. L-LBIO jaġixxi bħala parti għall-proċedimenti f'ismu stess fi proċedimenti internazzjonali għall-manteniment. L-LBIO ma jiġbor l-ebda tariffa tal-qorti fi proċedimenti b'petizzjoni. L-LBIO ma jitlobx ħlas mingħand applikant barrani għal spejjeż imġarrba fir-rigward tal-proċedimenti. L-Artikolu 14(3) tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 44(3) tar-Regolament jistgħu jiġu applikati f'konformità mal-prattika eżistenti taħt il-Konvenzjoni ta' New York. Tabilħaqq, l-applikant jista' jiftaħ kawża

mingħajr assistenza legali (fis-sens ta' rappreżentanza legali minn fornitur tal-ghajjnuna legali) peress li l-awtorità ċentrali nnifisha, l-LBIO, tipprovdi s-servizzi meħtieġa bla ħlas.

## 19 X'inhuma l-miżuri adottati minn dan l-Istat Membru sabiex jiżgura l-funzjonament tal-attivitàjiet deskritti fl-Artikolu 51 tar-Regolament dwar il-Manteniment?

Skont l-Att dwar l-Uffiċċju Nazzjonali għall-Ġbir tal-Pagamenti ta' Manteniment (*Wet LBIO*), l-LBIO għandu possibbiltajiet suffiċjenti sabiex iwettaq il-kompiti stabbiliti fl-Artikolu 51 tar-Regolament dwar il-Manteniment.

Fost affarijiet oħra, l-Att jirregola l-obbligu ta' għadd ta' istituzzjonijiet u servizzi li jipprovdu informazzjoni bla ħlas lil-LBIO għall-finijiet tar-rwol tiegħu bħala l-awtorità ċentrali.

Din il-paġna web hija parti minn [L-Ewropa Tiegħek](#).

Nilqgħu l-[feedback](#) tiegħek dwar l-utilità tal-informazzjoni pprovduta.

---

■ L-aħħar aġġornament: 20/10/2025

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NGE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NGE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.